MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 121/2010

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Yana Micallef Stafrace**
**u l-Prokuratrici Legali Alison Wedge kuraturi deputati nominati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' April 2007 u minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;

Illi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita' Indonesjana u hija Musulmana u ghandha l-familja kollha taghha tghix l-Indonesia;

Illi qabel iz-zwieg, il-partijiet qablu illi r-regim matrimonjali taghhom huwa dak tal-amministrazzjoni separata tal-beni u li ma tapplikax il-komunjoni tal-akkwisti u lanqas il-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata kif jirrizulta mill-anness kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi, ippubblikat fl-10 ta' April 2007.

Illi d-dar taz-zwieg, numru <indirizz>, residenza tal-attur, hija proprjeta' parafernali tal-attur.

Illi ftit wara z-zwieg, il-konvenuta infurmat lill-attur li f' Awwissu 2007 kien ser ikollha bzonn tirritorna l-Indonesia sabiex tattendi ghaz-zwieg ta' huha u hekk ghamlet u baqghet miftehma mal-attur li tirritorna Malta f' Novembru 2007;

Illi f' Novembru 2007 hija ma rritornatx Malta.

Illi hija ghadha sallum ma rritornatx ghand l-attur.

Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan unikament minhabba tort u htija tal-konvenuta;

2. Tapplika kontra l-konvenuta it-telfien tal-jedd li tircievi manteniment minghand l-attur u tal-jedd ta' successjoni;

3. Tiddikjara li l-konvenuta tilfet kull jedd ta' abitazzjoni f' dik li kienet id-dar taz-zwieg u cioe' id-dar 13 Peprina, Triq ix-Xehda, Naxxar, li hija proprjeta' parafernali tal-attur;

4. Tiddikjara li l-uzu tal-kunjom 'B' mill-konvenuta jista' jkun ta' pregudizzju gravi ghall-attur u ghalhekk tipprojbixxi lill-konvenuta milli tkompli tuza dan il-kunjom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha informaw il-Qorti li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit ta' l-attur, in-nota guramentata tieghu u d-dokumenti ezebit;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta assenti, ghal ragunijiet unikament imputabbli lilha fit-termini ta' l-artikolu 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin Malti, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Indonezjana, fit-12 ta' April 2007. Jirrizulta wkoll li qabel iz-zwieg il-partijiet iffirmaw kuntratt fejn eskludew fiz-zwieg ir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti u tal-komunjoni tar-residwu that amministrazzjoni separata.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi f' Awissu 2007 l-konvenuta telqet minn Malta lejn l-Indonezja bil-pretest li tara lill-familjari taghha, izda, ghalkemm kellha tirritorna f' Novembru 2007, hija baqghet ma rritornatx, u qatghet kull kuntatt ma' l-attur.

Ghalhekk f' dan il-kaz jirrizulta manifest li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser meta l-konvenuta minghajr raguni valida abbandunat id-dar konjugali u lill-attur ghal perijodu li jeccedi s-sentejn.  Dan jirrendiha hatja tas-separazzjoni personali, u jattira fil-konfront taghha l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenuta;

[2] tilqa’ t-tieni talba;
[3] tilqa’ it-tielet talba;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jigu provvizorjament sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------